MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1008/2003/1

**Mario Azzopardi**

**vs**

**Repro House Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Frar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju 2003 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1007.80 (elf u seba` Liri Maltin u tmenin centezmu) dovuti bhala *commissions*.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

*Commissions* dovuti ghal xoghol ta’ *matchprints* u *planning* ezegwit mill-attur fiz-zmien illi kien impjegat mas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi:-

1. It-talba hi preskritta ai termini tal-artikolu 2147 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Is-socjeta` konvenuta m’ghandha taghti xejn lill-attur.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu l-ammont pretiz mill-attur huwa ferm ezagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Ra r-risposta ulterjuri tas-socjeta` konvenuta prezentata fid-9 ta’ Jannar 2006 fejn inghad:-

1. Illi t-talba attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet .
2. Illi t-talba attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jigi illevat mill-ewwel mill-kawza odjerna m’ hijiex xejn hlief rizultat ta’ dizgwid li nqala bejn il-partijiet waqt li l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta u gie tterminat l-impjieg minn maghha. Li ma kienx hemm dan id-diverbju persistenti bejn il-partijiet, it-Tribunal huwa konvint illi l-kwsitjoni bejn il-partijiet ma kenitx tasal f’dan l-istadju.

Illi is-socjeta` konvenuta taddretivika eccezzjonijiet. Il-preskrizzjoni li m'ghandha taghti xejn u se mai it-tielet l-ammont kien esagerat. Ghandu jinghad illi mod ta' wiehed kif ihares lejn l-istess eccezzjonijiet dawn huma kunfliggenti bejniethom u wahda ma ssostnix lil ohra.

Ghandu jinghad illi t-tieni eccezzjoni dik li s-socjeta` konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur giet minnha rtirata f'seduta stante fl-1 ta' Novembru 2005. Fl-ezistenza ta' ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u l-attur dwar pagament ghal xoghol ta' match prints u planning ossia l-hlas ta' commissions fuqom huwa konfermat sia mill-attur u sia mill-istess Direttur u azjonista Mario Borg. Il-fatt illi z-zewg diretturi l-ohra cioe Frank Galea u Mario u Ron Mifsud wiehed jinnega u l-iehor joffri somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) biex jaqta' l-kwistjoni u l-fatt li din il-kumpanija biex jittiehdu d-decizjonijiet kien hemm in-necessita` ta' l-akkord taz-zewg diretturi ma jaghmlux stat ta' fatt fil-konfront ta' l-istess attur. L-attur kien qed jinnegozja ma' Direttur ta' kumpanija u ghandu jkun gustifikata illi jippretendi illi l-istess Direttur kien pienament awtorizzat biex jirraprezenta lill-kumpanija f'din ic-cirkostanza.

Meta tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jigi rilevat illi ma jkunx ifisser li l-azzjoni attrici ma tkunx gustifikata fit-talba imma li min jipproponi l-kawza ikun iddekadielu t-terminu tieghu sabiex jipprezenta l-agguzjoni relattiv sabiex dana ikun jista' jkollu kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu minn l-awtorita gjudizjarja. Fil-kaz odjern is-socjeta` kovenuta teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sena u mbghad dik finalement fil-kawza kwinkwennali. Jibda' biex jinghad illi l-perjodu ta' sena ma japplikax ghall-kaz odjern billi ma kienx qed jintalab salarju minghand il-kumpanija li kienet timpjegah imma kien pagament separat ta' ftehim ta' xoghol skond il-bejgh li kien isir u allura l-commissions li kienu jdahhlu. Is-socjeta` konvenuta hija gustifikata li tecceppixxi ulterjorament ghalkemm fil-final tal-kawza il-preskrizzjoni tal-hames mija. U hawnhekk hija in sintonija mas-sottomissjoni attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet minnu prezentata fil-2 ta' Dicembru 2005. Pero` f'dan ir-rigward u opportun li jigi ezaminat id-dokument immarkat

Dok ME 9 esebiet a fol 34 tal-process li huwa il-pretensjoni attrici tal-ammonti dovuti.

It-talbiet attrici jirrisalu ghas-sena 1994 mentre il-kawza giet terminata fis-sena 2003. Jinghad illi meta persuna tkun ghadha mpjegata ma' l-imghallem taghha u jkun hemm xi dovut huwa rari jekk mhux rarissimu illi dana jiehu proceduri gjudizzjarji biex jithallas ta` dak lilu dovut in vista tar-relazzjoni industrijali ezistenti bejniethom. Ovvjament u kien inhu risaput dana hu meta l-impjegat jispicca mill-impjieg tieghu.

Sabiex tigi attakkata d-difiza tal-preskrizzjoni irid inkun hemm jew interruzzjoni jew rikonoxximent tad-debitu jew isir pagament jew ikun hemm il-preskrizzjoni sospiza. F'dan il-kaz jirrizulta illi l-kawza giet intavolata fis-sena 2003 u allura sal-annu 1998 il-preskrizzjoni hija miksura. Pero` jirrizulta illi fid-19 ta' Settembru 1997 kien sar pagament ta' xi commissions u sar pagament fis-sena 1999 allura il-preskrizzjoni f'dan il-kont giet interrotta. Jigi rilevat illi sia Frank Galea u sia Ron Mifsud kemm meta xehdu personalment u kemm meta xehdu bl-affidavit ma kkontestaw bl-ebda mod l-ammont reklamat mill-attur.

Jiddeciedi ghalhekk billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u seba' mitt lira u tmenin centezmu (Lm1,700.80)[1] bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` konvenuta."

L-aggravji avvanzati mis-socjeta` konvenuta kontra din is-sentenza huma tnejn, u cjoe illi:-

[1] Skond digriet ta' l-14 ta' Marzu 2006, l-ammont ta' elf u seba' mitt lira u tmenin centezmu (Lm1,700.80) gie mibdul ghal elf u seba' liri Maltin u tmenin centezmu (Lm1007.80).

(1) it-Tribunal applika l-ligi hazin bil-mod kif iddecieda fuq l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati minnu;

u (2) it-Tribunal naqas li jakkordalha smigh xierqa;

Jirrizulta minn ezami tas-sentenza appellata illi t-Tribunal sab li giet ippruvata l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali invokata mis-socjeta` appellanti fuq il-bazi illi kienu saru hlasijiet ta’ *commissions* fl-1997 u fl-1999. Is-socjeta` appellanti tikkontesta dan fuq l-assunt illi ma kienux appattwiti *commissions* fuq *matchprints* u allura ma setax kien hemm hlasijiet parzjali fuq din ix-xorta ta’ kummissjoni. Tant dan hu hekk illi, kif minnha sottomess, il-kwestjoni relattiva dwar *commissions* fuq *matchprints* tqajmet biss fis-sena 2000 u l-attur inghata pagament *ex gratia*. Minn dan jitnissel illi l-punt li ghandu ghalhekk jigi deciz hu jekk il-fatti jsostnux it-tezi tas-socjeta` appellanti jew dik ta’ l-attur appellat tar-rikonoxximent tad-debitu avverat bil-hlas parzjali li sarlu fl-14 ta’ Settembru 2000 skond it-termini ta’ l-Internal Memorandum tas-socjeta` appellanti, esebit a fol. 18;

In linea preliminari, mill-kumpless tar-rizultanzi istruttorji, din il-Qorti hi konvinta li kien sar diskors u anke qbil dwar *commissions* fuq *matchprints* fil-mument li l-attur gie impjegat mas-socjeta` appellanti. Ara d-dikjarazzjoni esplicita ta’ Mario Borg, ex-direttur ta’ din is-socjeta` a fol. 19. Id-diskors u t-trattattivi li jinghad li saru biss fis-sena 2000 kienu certament intizi biex jirrizolvu l-pendenzi dwar il-hlasijiet ta’ din il-*commission*. Dan hu bil-wisq evidenti mhux biss mix-xhieda ta’ l-attur imma, fuq kollox, mill-kontenut tal-precitat Memorandum fejn *in calce* tieghu jinghad testwalment “*As already verbally agreed, with effect from January 2001 we have to find a solution to gather all remunerations as suggested*”. Tibqa’ ghalhekk il-kwestjoni jekk kienx hemm rikonoxximent univoku tal-kreditu da parti tas-socjeta` appellanti li jiswa biex jinterrompi l-preskrizzjoni eccepita;

Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Carmelo Cauchi -vs- Joseph Camilleri**”, Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Gunju 1955 illi “da parti tal-kreditur l-atti civili interruttivi tal-preskrizzjoni huma l-att gudizzjarju jew id-domanda gudizzjarja; imma jridu jkunu dejjem atti li saru fil-kors tal-preskrizzjoni. Da parti tad-debitur, hu att civili interruttiv tal-preskrizzjoni r-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditur”. Fiz-zewg istanzi din il-prova taggrava dejjem fuq l-attur-kreditur in kwantu huwa hu li jrid juri pozitivament illi l-preskrizzjoni opposta giet interrotta. Dan anke fejn jitratta mix-xorta ta’ imgieba adottata mill-konvenut, debitur tieghu. Tali mgieba tista’ tirrizulta kemm minn sitwazzjoni interna tal-gudizzju kif ukoll minn sitwazzjonijiet esterni ghalih;

Jibda biex jigi puntwalizzat illi l-accettazzjoni inizzjali tal-konvenut fil-kontradittorju tal-mertu tat-talba attrici ma ggibx ghalhekk biss rinunzja mplicita ghall-preskrizzjoni, billi tali komportament ma jistax ragonevolment jigi ritenut inkompatibbli mal-volonta` tieghu li jipprevalixxi ruhu mill-kawza estintiva tad-dritt vantat mill-kreditur. Dan premess, jinsab pero` stabbilit il-principju illi ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b’ att tieghu spontaneju ta’ assunzjoni ta’ certu sistema ta’ difiza, ipoggi ruhu fi stat li jirrendi nkompatibbi l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni. Ara a propozitu s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili tat-30 ta’ Ottubru 1953 in re: “**Emanuel Aquilina -vs- Geraldo Sammut**”;

Dan li nghad qed jigi rilevat in vista tal-fatt illi, kif jirrizulta mill-atti, is-socjeta` konvenuta rtirat l-eccezzjoni li tghid li ma ghandha taghti xejn lill-attur u llimitat ruhha ghad-difiza tal-preskrizzjonijiet opposti u li l-ammont pretiz hu ferm ezagerat. Ara verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Novembru 2005 (fol. 72). Dan fil-fehma tal-Qorti jwassal ghal konsiderazzjonijiet li ser isegwu;

Ir-rikonjizzjoni interruttiva tal-preskrizzjoni tista’ tigi korrelatata ma’ certa sistema ta’ difiza. Kif taraha din il-Qorti meta s-socjeta` appellanti rtirat dik l-eccezzjoni taghha hi kienet implicitament qed tirrikonoxxi l-ezistenza tad-dritt kreditorju u dak li kien qed jigi kontez minnha kienet biss il-likwidazzjoni tieghu fuq il-presuppost li dak il-kreditu kien wiehed ezagerat. Ghal din il-Qorti, similment bhal fil-kaz fl-ismijiet “**Guido J. Vella A&CE -vs- Dr. Emanuel Cefai**”, Qorti ta' l-Appell, 5 ta’ Ottubru 2001, wiehed jiddenota minn din l-imgieba jew sistema ta’ difiza sitwazzjoni li tintegra l-estremi ta’ l-att idoneju biex jinterrompi l-preskrizzjoni, senjatament ir-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditu ta’ l-attur, jekk mhux ukoll l-inkompatibilita` ma’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta;

Kif pacifikament ritenut “ir-rikonjizzjoni tad-dejn tista’ tkun anke prezunta jew indiretta; u skond **Pugliese** ‘*puo essere dedotta da fatti concludenti incompatibili colla volonta` di contestare l’ esistenza o l’ energia attuale del diritto altrui*’ (“**Prescrizione Acquisitiva**”, para 277). Di pju, lanqas hemm bzonn li r-rikonjizzjoni tkun ghall-kwantita` kollha dovuta (**Fadda** “**Giurisprudenza Codice Civile Italiano**”, art. 2129 para 46)” - “**Alfred Borg -vs- Carmelo Brincat *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 5 ta’ Gunju 1959;

In aggunta ma’ dak li nghad hemm ukoll il-fatt tal-pagament parzjali kostitwit bl-Internal Memorandum ta’ l-14 ta’ Settembru 2000 (fol. 18). Anke dan jikkostitwixxi rikonoxximent esterjorizzat li jippresupponi l-ezistenza tal-kreditu. Jista’ jitqies ukoll bhala att inkompatibbli mal-volonta` li tigi diskonoxxuta l-pretiza ta’ l-attur-kreditur. Ukoll ghal din ir-raguni l-aggravju sottomess f’ dan il-kuntest ma jistax jigi akkolt;

Is-socjeta` appellanti torbot it-tieni aggravju taghha - dak ta’ allegat ksur tal-principju ta’ gustizzja naturali ta’ smigh xieraq - mal-kumment dedott mit-Tribunal fis-sentenza fis-sens illi huwa rari illi individwu jiehu azzjoni kontra l-

imghallem qabel ma jigi terminat l-impjieg tieghu. Issa apparti li dan il-kumment kien ghal kollox, fil-kuntest tal-kawza, barra minn loku, jekk mhux ukoll azzardat izzejjed, din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma tarax f' hiex jiccentra l-allegat ksur ta' smigh xieraq li s-socjeta` appellanti tintendi bl-aggravju taghha li tirrivendikaha. Minn imkien mill-atti ma jirrizulta li s-socjeta` appellanti giet privata milli tressaq il-provi opportuni biex issostni l-kaz taghha jew b' xi mod imfixxkla u ostakolata milli taghmel is-sottomissjonijiet li deherlha necessarji ghas-sostenn tad-difiza taghha. Pjuttost l-invers hu l-kaz u allura din il-Qorti ma tistax toqghod b' affidament fuq allegazzjoni ta' lezjoni tal-principju ta' smigh xieraq, lanqas fil-mod koncepit mis-socjeta` appellanti;

*In finis*, irid jinghad illi, bhal fil-kaz ta' kull kawza ohra, il-meritu hu affidat esklussivament lit-Tribunal. Hu dan li kellu jaghmel l-accertament ta' l-ezistenza, o meno, ta' l-atti validament interruttivi tal-preskrizzjonijiet opposti u tal-kontenut rikonjittiv ta' certi atti. Indagini ta' fatt dan rizervat lil dik il-valutazzjoni diskrezzjonali ta' kull qorti jew tribunal, insindakabbli, f' din is-sede jekk jinstab li dik l-istess valutazzjoni, kif inhu l-kaz hawnhekk, b' zieda tal-konsiderazzjonijiet maghmula, hi ezenti minn vizzji logici u zbalji ta' dritt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------